**196. Il-Ministru għall-Ikel, Agrikoltura u Sajd, l-Onor. Ċensu Galea, jipproponi:**

Billi bl-artikolu 2 tal-Att tal-1992 li jestendi l-Att dwar id-Djar, l-Att dwar id-Djar kif riprodott fl-iskedi tal-imsemmi Att li jestendi l-Att dwar id-Djar kien limitat biex jispiċċa fit-12 ta' Frar 1995;

U billi hemm maħsub fl-artikolu 21 tal-Att dwar id-Djar illi jekk tgħaddi Riżoluzzjoni mill-Kamra tad-Deputati illi l-imsemmi Att għandu jitkompla fis-seħħ għal żmien ieħor li ma jkunx aktar minn tliet snin miż-żmien li fih kieku jispiċċa, dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien ieħor;

U billi jenħtieġ li dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien ieħor sat-12 ta' Marzu 1995;

Issa, għalhekk jiġi riżolut u qiegħed b'dan jiġi riżolut, illi l-Att dwar id-Djar għandu jkompli fis-seħħ għal żmien ieħor sat-12 ta' Marzu 1995.

06.02.1995